San Lawrenz

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGHA KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 11 – Is-Sibt 13 ta' Frar 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fl-2:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Noel Formosa | Sindku |
| | Anthony Formosa | Viċi Sindku |
| | Franco Buhagiar | Kunsillier |
| | Joseph Cauchi | Kunsillier |
| | Carmen Grima | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Agent Segretarju Eżekuttiv |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-aħħar laqgħa**

2.1 Ġew ikkonfermati l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

2.2 Is-Sindku rrefera għall-email li bgħat lis-sidien tal-*flats* Gebla tal-General rigward l-installazzjoni ta' CCTV camera minn naħa tagħhom u li l-Kunsill lest li jpoġġi s-*signs* meħtieġa. Is-Sindku semma' li s-sidien poġġew xi tip ta' *board* wara l-*hangers* biex ma jkunux jistgħu jitilgħu qtates iżda l-Kunsillier Franco Buhagiar ikkonferma li fil-weekend tal-Karnival xorta kien hemm miżbla taħthom. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru signs bil-kliem "Please abide to refuse collection regulations as this area is surveilled by a CCTV camera" u min jinqabad jigi mħarrek.

2.3 Is-Sindku semma' li wara li l-Kunsill ikkonsulta mal-Perit Edward Scerri rigward l-opinjoni tiegħu dwar jekk isiru barriers jew bollards quddiem iċ-Ċentru, huwa propona li nibqgħu ma l-istil eżistenti billi jinxtraw *bollards* bħal dawk li hemm.

Il-Kunsill qabel li għandu jitlob stima u jixtri bejn 5 u 6 *bollards* u jpoġġi *planter* bejniethom.

## 3.0 Laqgħa ma' Onor Chris Said

3.1 Is-Sindku ta merħba lil Onor Chris Said u rringrazzjah talli għoġbu jiltaqa' mal-Kunsill. Is-Sindku rrefera għall-għaqda li teżisti bejn il-membri tal-Kunsill, li minkejja xi problemi finanzjarji, permess ta' din l-għaqda u xi għajnuna mingħand xi Dipartimenti u Minsiteri, ix-xoghol miexi b'rittmu sodisfaċenti. Pero għad fadal ħafna problemi li biex insolvuhom hemm bżonn l-intervent tal-Gvern Ċentrali peress li huma kompitenza tal-Gvern Ċentrali, fosthom:-

- Il-ħtiega urġenti tat-tieni kisja ta' Triq San Lawrenz
- Htieġa ta' crash barriers fit-triq tad-Dwejra
- Resurfacing ta' Triq id-Duluri li hija triq arterja
- Problemi ta' demografija li permezz tagħha l-popolazzjoni ta' San Lawrenz qegħda kullma jmur tiċkien bil-konsengwenza li San Lawrenz ħa jispiċċa raħal anzjan
- Il-limitazzjoni tal-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Din qed twassal sabiex l-Kunsill ma jkunx jista jagħmel manutenzjoni xierqa u jmexxi proġetti mwettqa minn fondi mill-Unjoni Ewropea.

3.2 Minn naħa tiegħu l-Onor Said irringrazzja lill-Kunsill talli għogbu jilqa' l-istedina tiegħu. Huwa semma' li l-iskop tal-laqgħa tiegħu huwa biex bħala Shadow Minister għal Għawdex, ikun jista' jisma lill-Kunsilli u anke minn naħa tal-oppożizzjoni jkun jista jagħmel l-*pressure* tiegħu dwar ċertu *issues.*

3.3 Rigward l-ilmenti dwar it-tkomplija ta' toroq u ħtieġa ta' crash barriers, l-Onor Said stqarr li ser jagħmel PQ dwarhom. Rigward il-kwistjoni demografika tidher li hija problema ta' kull lokalita' u ta' Għawdex b'mod ġenerali għax iż-żagħżagħ Għawdxin qed imorru jgħixu Malta. Huwa ssuġġerixxa li s-Sindku għandu jiltaqa' maċ-Chairperson tal-Housing forsi tista' toħroġ xi proposta għal San Lawrenz.

3.4 Il-Kunsillier Franco Buhagiar staqsih jekk bħala partit nazzjonalista għandux xi pjan biex jittranġa l-*chaos* li qed jinħoloq fid-Dwejra u jekk hemmx xi pjan. Kulħadd qabel li għandu jerġa jitwaqqaf id-Dwejra Management Board biex isir immaniġjar aħjar ta' din il-bajja pittoreska u tant popolari.

3.5 Il-Viċi Sindku Anthony Formosa rrefera wkoll għall-problema li għandu l-lokal peress minħabba li teżisti biss triq waħda għal San Lawrenz u d-Dwejra, dan joħloq inkonvinjent sew jekk jiġri xi nċident, sew jekk tkun festa, il-lokal ma għandux triq oħra alternattiva. Huwa semma' dwar l-ħtiega urġenti li tinfetaħ Triq oħra għal San Lawrenz.

## 4.0 Korrispondenza

4.1 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-Perit Teddie Busuttil għan-nom tal-klijent tiegħu Peter Camilleri biex jirranġa *kiosk* eżistenti fid-Dwejra. Il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni abbażi tal-istess kundizzjonijiet fit-twegiba li ta lill-applikazzjoni ricenti għal permess ta' *hawker* fid-Dwejra.

4.2 Giet trattata l-ittra mingħand Joseph Debrincat, il-kuntrattur tal-open skip, fejn irrefera għaż-żieda tat-*tipping fee* u li fir-rigward ta' dan, hu qed jitlob li jgħolli l-prezz. Il-Kunsill qabel li ma għandux jaċċetta din it-talba għax tmur kontra r-regoli tal-kuntratt. Sar qbil li għandna ninfurmawh b'dan u li jekk sa żmien ġimgħa minn meta jirċievi l-ittra ma jikkonfermax hux ser jibqa bl-istess rati, il-Kunsill mhux ser ikollu triq oħra għajr li joħroġ offerta ġdida.

4.3 Il-Kunsilliera Carmen Grima rreferiet għas-seminar li attendiet għalih dwar il-Customer Care u għamlet referenza għall-kontenut ta' din il-laqgħa.

4.4 Is-Sindku rrefera għat-talba li rċieva biex jitnaddaf passaġġ fid-Dwejra minn ġebel li kkumola fih matul is-snin. F'għajnejn il-Kunsill irriżulta d-dubju li l-passaġġ jista jkun wieħed privat u għalhekk wieħed għandu joqgħod attent qabel ma jagħmel xi xogħol fuqu. Sar qbil li għandna nibgħatu lil-Land Registry biex nikkonfermaw jekk hux tal-privat jew le.

4.5 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-Gozo Horse Racing rigward kompetizzjoni tat-tlielaq taż-żwiemel li tkun sponsorjata mill-Kunsilli Lokali. Huma talbu t-talba ta' €350 minn kull Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti donazzjoni ta' €50 peress li hemm xi membri mil-lokalità li ser jiedħdu sehem.

4.6 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward jekk il-Kunsill għandux pjanijiet għal *resurfacing* ta' toroq għal dawn is-sentejn li ġejjin. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat li għandu pjan li jagħmel it-tieni kisja ta' Triq il-Wileġ u tkomplija ta' Triq Wied Merill.

4.7 Is-Sindku rrefera għall-ħtieġa ta' *railing* tal-injam għall-aċċess tat-Torri tad-Dwejra u l-possibilita' wkoll ta' irranġar tal-aċċess tal-art permezz ta' *decking* tal-injam. Sar qbil li tintbgħat ittra lill-MEPA f'dan ir-rigward.

4.8 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li kellu ma' voluntier li jiftaħ it-Torri tad-Dwejra li fiha tkellmu dwar il-fatt li jkun sabiħ li nies mil-lokal joffru ħin biex jiftħu t-Torri tad-Dwejra jew inkella xi ħaddiem taċ-ċivil jiġi trasferit bħala ħaddiem tal-post. Sar qbil li preżentament għandha toħroġ is-sejħa għall-voluntiera fuq l-avviżi tal-Kunsill.

4.9 Saret referenza għal-laqgħa li saret ma' Michael Nolle rigward id-dawl tal-faċċata tal-knisja. Il-Kunsill qed jistenna l-proposta li għandha ssir bejn is-Sur Nolle u l-kuntrattur tad-dawl. Għal din il-laqgħa kienu attendew is-Sindku u l-Kunsilliera Carmen Grima.

4.10 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li ser issir nhar is-16 ta' Frar rigward il-proġett tad-Dementia Friendly Village u li fil-preżent qed nistennew l-approvazzjoni tat-*tenders* biex jinħarġu għall-pubbliku. Is-Sindku rrefera għal fatt li fuq parir tal-perita tqabbad Inġinier biex jara x'servizzi li għandhom bżonn ta' manutenzjoni, inkluż il-ġibjun ta' taħt il-*playing field* biex fit-tenders jiġu nklużi l-ħtiġijiet kollha neċessarji biex dan jibda jiffunzjona. Il-Kunsill awtorizza biex l-Inġinier jagħmel prova tas-servizzi kollha li hemm mgħoddija biex fejn mhux qed jiffunzjona kif meħtieġ, l-irranġar tiegħu jiġi nkluż fit-tenders.

## 5.0 Laqgħa tal-Lokalita'

5.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-lokalita' għandha ssir nhar it-Tnejn 7 ta' Marzu 2016 fis-6:30pm. Sar qbil li minbarra l-avviż fuq il-gazetta tal-gvern, għandu jintbgħat avviż f'kull dar dwar din il-laqgħa.

## 6.0 Estimi Finanzjarji

6.1 Il-Kunsill iddiskuta l-Estimi Finanzjarji tal-kunsill għas-sena finanzjarja 2016. Sar qbil li għandu jigi nkluż fost l-oħrajn €2000 għall-spejjes konnessi mal-iffirmar tal-ġemellaġġ ma' Amaseno u €10,000 bħala kontribuzzjoni tal-Kunsill għall-progett tal-Playing Field f'kaz li ma jservux il-fondi miksuba għal dan il-proġett.

6.2 Il-Kunsilliera Carmen Grima ssuġeriet jekk il-Kunsill ikunx jista jbiegħ l-apparat antik tal-*playing field.* Intqal li jekk possibbili dan isir imma hemm dubji min irid jixtri xi ħaġa antika.

6.3 Sar qbil ukoll li fl-estimi għandu jiġi nkluż l-bilanċ ta' fondi tal-UIF u kif dawn jistgħu jissarrfu f'proġett ta' tisbiħ matul is-sena.

## 7.0 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-Impjegati tal-Kunsill

7.1 Is-Sindku ressaq il-Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv preżenti Lucienne Haber u tal-eks Segretarju Ezekuttiv Josephine Sultana. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti l-bonus massimu liż-żewġ impjegati dak ta 10% tal-paga tagħhom.

7.2 Sar qbil ukoll li l-impjegata tal-Kunsill Carmen Micallef għandha tingħata l-*performance bonus* massimu ta' 6% tal-paga tagħha.

## 8.0 Ħatra ta' Ambaxxatur taż-Żagħżagħ

8.1 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni waħda biss għal dan il-post, dik mingħand James Grima. Il-Kunsill approva bil-qalb din l-applikazzjoni u uffiċjalment ħatru bħala l-ambaxxatur il-gdid għaż-żagħżagħ ta' San Lawrenz.

## 9.0 Ġemellaġġ u Applikazzjoni għal-fondi tal-EU

9.1 Is-Sindku rrefera għall-komunikazzjoni mas-Sindku ta' Amasena Antonio Como rigward il-possibilita' li l-ġemellaġġ isir fis-sajf li ġej, f'Lulju hawn f'San Lawrenz u f'Awissu f'Amaseno. Il-Kunsill qabel ma' dan u li għandha ssir l-applikazzjoni għall-Fondi taħt l-applikazzjoni tat-Town Twinning li ser tagħlaq fl-1 ta' Marzu 2016. Bħala partecipanti apparti r-residenti ta' Amaseno sar qbil li għandhom jiġu mistiedna wkoll dawk ta' Colle Umberto.

9.2 Is-Sindku rrefera għal fatt li t-€12,000 tal-proġett tat-Town Twinning tas-sena l-oħra daħlu fil-kontijiet bankarji tagħna.

9.3 Il-Kunsilliera Carmen Grima ssuġġerriet li għandna nużaw ukoll *farmhouses* f'San Lawrenz bħala postijiet ta' akkomodazzjoni.

## 10.0 Sezzjonijiet ta' Keep fit

10.1 Is-Sindku rrefra għat-talba sabiex jiġu organizzati sezzjonijiet ta' Keep-fit "Pilates". Sar qbil li għandna nikkuntatjaw xi instructor u dawk li jattendu jħallsu l-miżata mitluba.

## 11.0 Sezzjonijiet ta' Aerobics ghall-persuni Obese

11.1 Is-Sindku semma li dawn is-sezzjonijiet ser jiġu offruti b'xejn lill-pubbliku mid-Dipartiment tas-Saħħa. Sar qbil li għandhom jiġu komunikati d-dati u l-ħinijiet appena jirċevihom il-Kunsill.

## 12.0 Kundizzjonijiet tal-impjegata

12.1 Is-Segretarja rreferiet għal fatt li l-impjegata tal-Kunsill Carmen Micallef ġabret 266 time-off peress li qed ikollha toqgħod wara l-ħin u tidħol is-Sibt. Is-Segretarja semmiet ukoll li din għad fadlilha l-Vacation Leave kollu tas-sena l-oħra mhux użat għax ma setgħetx tieħdu minħabba li ma kellhiex min jibdilha fl-uffiċċju. Għalhekk hija proponiet li minflok tieħdu time-off ikun aħjar jekk il-Kunsill iħallasha tat-*time-off* għax il-Kunsill ma jistax jiffunzjona b'ħafna ħinijiet

mingħajr ħaddiema. Sar qbil ukoll li din għandha taħdem sat-3:00pm minflok sas-2:00 u mil-lum 'l quddiem tibda titħallas ta' dik is-siegħa żejda kuljum.

12.2 Issemma' wkoll il-fatt li f'każi ta' emergenza ta' meta l-impjegata ma tkunx tista tiftaħ l-uffiċju qed jitqabbad bniedem tal-fiducja, Luigi Formosa, eks skrivan u qed jiftah il-Kunsill hu. Il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja mad-Dipartiment jekk inkunux konformi mal-liġi jekk qed isir dan.

## 13.0 Harġa għall-anzjani

13.1 Sar qbil li l-Harga li jmiss għall-anzjani għandha ssir nhar l-Erbgħa 2 ta' Marzu 2016 u jittieħdu l-monti tan-Nadur, jieklu u jilgħabu tombla f'restaurant in-Nadur stess.

## 14.0 Kampanja edukattiva dwar użu inqas ta' karozzi fil-lokalita'

14.1 Is-Sindku propona sabiex il-Kunsill iqajjem kuxjenza dwar l-importanza tal-eżerċizzju u l-ħtieġa li nuzaw mill-anqas il-karozza biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja. Huwa propona li din għandha tkun sensiela ta' avviżi attraenti fuq il-*facebook* page tal-Kunsill. Sar qbil ukoll li għandna nagħtu inċentiv lil dak l-istudent/a li l-aktar li jmur bil-mixi lejn u lura mill-iskola b'eċċezzjoni ta' maltemp jew mard. Min jagħmel dan jingħata rigal wara xahar. Imbagħad fuq bazi ta' sena skolastika, dak l-istudent li l-aktar li jmur l-iskola bil-mixi, l-Kunsill jirregalalu rigal akbar li jista jkun jikkonsisti f'tablet. Il-Kunsill qabel li din il-kampanja edukattiva għandna tinbeda mat-tfal u tiġi estiża mal-adulti.

## 15.0 Materji oħra

15.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li huwa kellu flimkien mas-Segretarja mal-avukat Jean Paul Grech rigward l-fondi li l-Kunsill għandu mwegħdin mill-MEPA konnessi mal-proġett tal-Pjazza. Huwa semma' li għalissa l-avukat ha jibgħat ittra bil-kelma t-tajba u naraw minn hemm.

15.2 Sar qbil li għandha tintbgħat ittra lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali rigward il-ħtieġa li jinbidel il-mod kif qed tiġi allokata l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill u jittieħdu in konsiderazzjoni l-fatturi li l-Kunsill ikun wettaq proġetti kbar u li jinħtieġu manutenzjoni tagħhom.

15.3 Is-Segretarja rreferiet għall-ħinijiet tal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwerja u dwar il-ħtieġa li dawn jitmexxew b'siegħa 'l quddiem biex jaqdu aktar l-eżiġenzi tal-pubbliku. Il-Kunsill qabel li minflok li matul il-Ġimgħa ċ-Ċentru jinfetaħ mill-

10:00am sas-2:00pm, jibda jinfetaħ mill-11:00am sat-3:00pm. Sar qbil ukoll li għandna nisħqu fuq l-approvazzjoni tal-applikazzjoni tal-Bye Law biex il-Kunsill ikun jista jibda jagħmel introjtu minn dan iċ-Ċentru.

15.4 Is-Segretarja tat randikont tas-sitwazzjoni tal-Accounts tal-Kunsill u f'hiex wasslu l-preparamenti tal-Financial Statements. Hija semmiet li meta daħlet hi sabet li l-Audits tas-sena 2014 għadhom ma ngħalqux u li l-*postings* tal-*accounts* ma kinux konkluzi. Hija semmiet li issa rnexxielha tqabbel l-kontijiet bankarji kollha sal-aħħar tat-2014 u qed jiġu preparati l-Financial Statements biex jingħalaq l-awditjar tas-sena 2014. Sadanittant issa ser tkompli billi taħdem fuq l-*accounts* tas-sena finanzjarja 2015 biex jekk jista jkun sal-aħħar ta' Marzu jew nofs April inkunu għalaqna s-sena finanzjarja 2015 ukoll.

15.5 Il-Viċi Sindku rrimarka li kull nhar ta' Sibt l-*iscammel* qed jgħaddi jiġbor kmieni. Sar qbil li għandna nerġgħu niġbdulu l-attenzjoni.

15.6 Is-Sindku semma' li huwa tkellem kemm mal-kuntrattur kif ukoll mal-Water Services Corportation dwar il-manutenzjoni tal-isqaq Ta' Galona, it-tnejn qalulu li dan ix-xogħol ser isir bi qbil miż-żewġ naħħat.

15.7 Saret referenza għal fatt li l-impjegat tal-ETC li qiegħed mal-Kunsill issa ser jiġi mpjegat *full-time* ta' kumpanija privata iżda jibqa assenjat mal-Kunsill. Sar qbil li għandu jiġi spjegat lilu li l-Kunsill mhux ser jerfa responsabilita' jekk il-kumpanija ma ssibux fuq il-post tax-xogħol.

15.8 Il-Viċi Sindku Anthony Formosa fakkar f'hiex waslu l-*cameras* tal-Pjazza. Is-Sindku semma' li qed jistenna li jitaqa' ma inġinier li għandu jipprepara l-i*specifications* tagħhom biex tinħareġ offerta ġdida. Il-Kunsillier Joseph Cauchi enfasizza li jekk ser isiru jsiru sewwa u b'viżżjoni tajba. Is-Sindku saqsa jekk dawn il-cameras għandhomx isiru biss bħala streeming jew inkella security cameras. Il-Kunsill qabel unaniment li dawn għandhom isiru bħala security cameras.

15.9 Il-Vici Sindku talab ukoll sabiex jitnaddfu mill-haxix il-*culverts* ta' triq il-Wileġ.

15.10 Is-Sindku rrefera wkoll għall-kuntatt li kellu minn ċiklisti rigward il-periklu li hemm minn xi tappieri minħabba l-għamla tagħhom. Is-Sindku qal li ser jiċċekjahom u naraw kif jistgħu jitrangaw jew jinbidlu.

15.11 Il-Kunsilliera Franco Buhagiar talab sabiex nitoblu lis-CMU sabiex jirranġaw it-telgħa ta' Daħlet Pawluzzu biex ma tibqax daqshekk wieqfa.

15.12 Is-Sindku rrefera għall-attivita' tal-Karnival bħala waħda li rnexxiet iżda sar qbil li s-sena li jmiss il-Karnival jiġi organizzat il-Hadd tal-Karnival kmieni wara nofsinhar. Sar qbil ukoll li l-Kunsill għandu jgħaddi s-somma ta' €20 liż-żewġ *judges* preżenti għas-serata.

## 16.0 Għeluq u data għal-laqgħa oħra

16.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 8 ta' Marzu 2016 fil-5:00 ta' filgħaxija.

**Noel Formosa**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**